# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 18 ta' Lulju, 2022.**

**Numru 7**

**Rikors numru 535/16/1 JZM**

**Joseph Galea u martu Rita Galea, Kredituri Konjuġi Galea**

**v.**

**1. Herman Mizzi u għal kwalsiasi interess fil-liġi jew li jista' jkollha martu Daniela Mizzi**

**2. John Mizzi, ħu Herman Mizzi**

1. Il-konvenut Herman Mizzi kien ikkostitwixxa ruħu bħala debitur tal-attur Joseph Galea fl-ammont ta' €65,000 bis-saħħa ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat 15 ta' April, 2008. F'dan il-kuntratt huwa ntrabat li jħallas is-somma sal-aħħar ta' April mingħajr imgħax, u mill-aħħar ta' April kellu jibda jiddekorri imgħax ta' 8%. Din il-kostituzzjoni ta'

debitu ġiet rexxissa permezz ta' kuntratt datat 5 ta' Ġunju, 2008, permezz ta' liema Joseph Galea u Herman Mizzi ddikjaraw li l-pendenzi ta' bejniethom kienu sodisfatti u saldati. Fuq l-istess kuntratt Herman Mizzi u John Mizzi kkostitwixxew ruħhom debituri ta' Joseph Galea fl-ammont ta' €75,000 u obbligaw ruħhom li jħallsu dan l-ammont *entro* għaxar snin permezz ta' pagamenti mensili u bl-imgħax bir-rata ta' 8% fis-sena a skaletta. Permezz ta' kuntratt ieħor ta' kostituzzjoni ta' debitu datat 1 ta' Diċembru, 2008, Herman Mizzi kkostitwixxa ruħu debitur ta' Joseph Galea fl-ammont ta' €20,000 pagabbli flimkien mal-imgħax bir-rata ta' 8% fis-sena dekorribbli mis-17 ta' Ġunju, 2008. Fis-16 ta' Marzu, 2009, sar kuntratt ieħor ta' kostituzzjoni ta' debitu permezz ta' liema l-konvenuti kkostitwew ruħhom debituri tal-attur fl-ammont ta' €58,600 pagabbli flimkien mal-imgħax bir-rata ta' 8% fis-sena a skaletta. L-atturi jgħidu li l-konvenuti kienu morużi fil-pagamenti u għalhekk preżentaw il-proċeduri odjerni permezz ta' liema qed jitolbu li l-konvenuti jiġu kkundannati jħallsu s-somma ta' €247,216, oltre l-imgħaxijiet u l-ispejjeż.

2. F'dawn il-proċeduri huma talbu għalhekk lill-Ewwel Qorti sabiex:

"II. TALBIET TAR-RIKORRENTI ATTURI KONJUGI GALEA

a) Fl-ewwel lok dawn il-proceduri jitmexxew sommarjament a bazi ta` Artikolu 167 sub-artikolu (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta billi d-dejn indikat huwa Cert, likwidu u li ghalaq, u li ma jikkonsistix fl-esekuzzjoni ta` fatt : dejjem a bazi tas-sub-inciz (a) tas-sub-artikolu (l) tal-Artiolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta;

b) Li dawn il-proceduri odjerni jitmexxew kif imfassla fl-artikolu 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta u fejn ir-Rikorrenti Atturi Konjugi Kredituri Galea qeghdin jitolbu li dan il-Kaz jigi deciz

skont it-Talbiet taghhom, bid-dispensa tas-smigh tal-Kawza, u hawnhekk ir-Rikorrenti Atturi qeghdin jaghmlu referenza ghad-Dikjarazzjonijiet taghhom u ghall-Istqarrija Guramentata wkoll taghhom indikata bhala Dokument JGRGI, hawn mehmuza mal-Elenku ta` Dokumenti;

c) A bazi ta` sub-artikolu (1) tal-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta, din il-Qorti ghandha tiddikjara li l-hlas ta` dejn huwa cert, likwidu u li ghalaq, illi ma jikkonsistix fl-esekuzzjoni ta` fatt, li sa fejn jafu r-Rikorrenti Atturi a bazi tal-Artikolu 156 sub-artikolu (3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta, huma qeghdin jiddikjaraw li l-Konvenuti `Intimati Kredituri ma ghandhomx Eccezzjonijiet x` jaghtu kontra t-Talbiet tar-Rikorrenti Atturi u anka li l-istess Rikorrenti Atturi pprezentaw Stqarrija Guramentata li fiha hemm il-fatti li ghandhom x` jaqsmu mat-Talbiet odjerni u li anka qed jikkonfermaw li l-Intimati Konvenuti Debituri jafu b`dawk il-fatti personalment billi anka gew notifikati b` Atti Gudizzjarji;

d) Din il-Qorti ghandha tikkonferma li s-sub artikolu (2) tal-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 gew onorati da parti tar-Rikorrenti Atturi inkluz l-ordni li l-Konvenuti Intimati Debituri ghandhom jidhru quddiem il-Qorti fil-jum u fil-hin li jigu mghotija mill-istess Onorabbli Qorti;

e) Issir referenza ghas-sub-artikolu (3) tal-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta kif ukoll ghall-Artikou 168 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta li din l-Onorabbli Qorti odjerna kif ippresjeduta tikkonferma li gew segwiti mir-Rikorrenti Atturi Kredituri konjugi Galea;

f) Ikun konfermat illi l-Artikoli 169 u 169A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta wkoll gew segwiti f` din il-Procedura odjerna; g) Ikun applikat l-Artikolu 170 sub artikolu (1) u jekk ikun il-kaz sub artikolu (2) kif ukoll sub artikolu (3) u anka sub artikolu (4) tal-Artikolu 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta, Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili;

h) Fil-parametri ta` dawn it-Talbiet kif hawn fuq suesposti, din il-Qorti ghandha tikkonferma l-kontenut tal-Istqarrija Guramentata (Dokument JGRGI) tar-Rikorrenti Atturi, Stqarrija Guramentata ta` tnejn u ghoxrin pagna u tmienja u sebghin paragrafu debitament konfermata, u fejn jigi konfermat illi l-ammont dovut bhala hlas ta` dejn cert, likwidu u li ghalaq, li ma jikkonsistix fl-esekuzzjoni ta` fatt, jammonta b`kollox ghac-cifra ta` mitejn u sebgha u erbghin elf, mitejn u sittax-il ewro (€247,211), oltre l-imghaxijiet li nel frattemp qeghdin jawmentaw u jakkumula u l-ispejjez kollha gudizzjarji u extra gudizzjarji inkluz dawk ta` Atti Gudizzjarji direttament u / jew indirettament marbuta mal-merl ta` din il-Kawza bi procedimenti sommarji specjali kif hawn qed jigi ndikat;

i) L-ammont ta` mitejn, sebgha u erbghin elf, mitejn u sittax-il ewro (€24,216) huma konfermati permezz ta` Dokumentazzjoni dettaljata anka koperti bid-Dokumenti hawn mehmuza mal-Elenku ta` Dokumenti li dan huwa hlas ta` dejn dovut li huwa cert, likwidu u li ghalaq u li ma jikkonsistix fl- esekuzzjoni ta` fatt, u ghaldaqstant it-Talbiet tar-Rikorrenti Atturi Kredituri Konjugi GALEA ghandhom jigu milqugha bl-ispejjez kollha kontra l-Konvenuti Intimati kif indikati fl-okkju ta` din il-Kawza u a bazi ta` dak li gie indikat fil-korp fl-intier tieghu ta` dan ir-Rikors Guramentat odjern;

j) Issir referenza ghad-Dokumenti kollha esebiti ma` dan ir-Rikors Guramentat odjern, fit-Taqsima IV ta` dan ir-Rikors Guramentat, bil-prefiss JGRG umbaghad in-numru li jsegwi skont it-tifsira fl-Elenku ta` Dokumenti, u li jigi kkonfermat li dawn id-Dokumenti ghandhom jitqiesu bhala parti integrali minn dan ir-Rikors Guramentat odjern ghal dak li huwa prova dokumentata, awtentikata u li ma thalli ebda dubju li l-ammont indikat ta` mitejn sebgha u erbghin elf, mitejn u sittax-il ewro (€247,216) huwa dovut lir-Rikorrenti Atturi bhala hlas ta` dejn cert, likwidu u li ghalaq u li ma jikkonsistix fl-esekuzzjoni ta` fatt;

k) Fic-cirkostanzi r-Rikorrenti Atturi ma ghandhom ibatu ebda forma ta` spejjez, la gudizzjarji u lanqas extra eudizzjarji, la dawk direttament konnessi ma` din il-Kawza u lanqas ma` dawk indirettament konnessi mal-istess, u dan minhabba d-diversi drabi li l-istess Rikorrenti Atturi taw l-opportunita` lill-Intimati Konvenuti Kredituri MIZZI biex jirregolaw il-pozizzjoni taghhom ghal dan il-hlas ta` dejn fir-rigward tar-Rikorrenti Atturi Kredituri Konjugi GALEA;

l) Fl-eventwalita` li l-Konvenuti Intimati Debituri MIZZI jibqghu kontumacja, allura din il-wisq Onorabbli Qorti ghandha tuza s-setghat taghha u anka tahtar Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lill-istess Kontumaci a bazi ta` Artikolu 170 sub artikolu (l) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta, u dan biex ma jinheliex aktar Zmien fir-rigward tar-Rikorrenti Atturi biex ikunu jistghu formalment jirregistraw dan id-debitu dovut lilhom bhala kredituri halli jkunu jistghu jirregistraw anka bhala ipoteka generali u privilege specjali skont il-ligi biex jissalvagwardjaw l-interessi taghhom u ta` dawk li jistghu jigu bhala eredi taghhom skont il-fatti u a bazi tal-Ligi;

20. Tant ghandhom umilment x` jissottomettu r-Rikorrenti Atturi Kredituri Konjugi GALEA ghas-savju gudizzju ta` din il-wisq Onorabbli Qorti u jirreferu hawn ghad-Dikjarazzjoni Guramentata taghhom indikata bhala Dokument JGRG fejn jikkonfermaw li dovut lilhom hija s-somma indikata ta` mitejn, sebgha u erbghin elf, mitejn u sittax-il ewro (€247,216) u dan oltre l-imghaxijiet li qed jakkumulaw, u l-ispejjez kollha, direttament u / jew indirettament konnessi mal-mertu ta` din il-Kawza li nel frattemp qeghdin jakkumulaw.”

3. John Mizzi, eċċepixxa, *inter alia,* illi l-azzjoni ntavolata mill-atturi hija bbażata fuq kawża lleċita u ċioe` hija frott ta' użura, li l-azzjoni hija bbażata fuq att kriminuż peress li l-attur kien qiegħed jislef flus mingħajr liċenzja, li huwa qatt ma ssellef xi flus mingħand l-attur, li l-ammonti huma kontestati għaliex il-konvenuti kienu ġew imġiegħla jiffirmaw il-kuntratti ta' kostituzzjoni ta' debitu billi l-attur uża theddid morali u niżżel ammonti li dehrlu hu, u li l-ammont mitlub huwa eżaġerat għaliex huwa kien issellef ammont iżgħar mingħand l-attur u kien għamel xi pagamenti akkont.

4. Herman Mizzi eċċepixxa, *inter alia,* li l-azzjoni ntavolata mill-atturi hija bbażata fuq kawża illeċita u ċioe` hija frott ta' użura, li l-azzjoni hija bbażata fuq att kriminuż peress li l-attur kien qiegħed jislef flus mingħajr liċenzja, li huwa qatt ma ssellef xi flus mingħand l-attur, li l-ammonti huma kontestati għaliex il-konvenuti kienu ġew imġiegħla jiffirmaw il-kuntratti ta' kostituzzjoni ta' debitu billi l-attur uża theddid morali u niżżel ammonti li deherlu hu.

5. Permezz tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-27 ta' Frar, 2020, ġie deċiż hekk:

> "Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-
>
> Tichad it-talbiet tal-atturi kif dedotti kontra l-konvenuta Daniela Mizzi. Tipprovdi dwar it-talbiet tal-atturi kif dedotti kontra l-konvenuti Herman u John ahwa Mizzi, wara li qieset l-eccezzjonijiet sollevati mill-istess konvenuti ahwa Mizzi billi:-

Tiddikjara u tiddeciedi li l-atturi huma kredituri tal-konvenuti Herman u John ahwa Mizzi fl-ammont ta` hamsa u sebghin elf Ewro (€75,000) bl-imghax ta` tmienja (8%) fis-sena b`effett mill-5 ta` Gunju 2008 sad-data tal-pagament effettiv. Ghalhekk tikkundanna lill-istess konvenuti Herman u John ahwa Mizzi sabiex ihallsu lill-atturi dan l-ammont kapitali bl-imghax hekk kif specifikati.

Tiddikjara u tiddeciedi li l-atturi huma kredituri tal-konvenut Herman Mizzi fl-ammont ta` ghoxrin elf Ewro (€20,000) bl-imghax ta` tmienja fil-mija (8%) fis-sena b`effett mill-1 ta` Dicembru 2008 sad-data tal-effettiv pagament. Ghalhekk tikkundanna lill-konvenut Herman Mizzi sabiex ihallas lill-atturi dan l-ammont kapitali bl-imghax hekk kif specifikati.

Tiddikjara u tiddeciedi li l-atturi huma kredituri tal-konvenuti Herman u John ahwa Mizzi fl-ammont ta` tmienja u hamsin elf u sitt mitt Ewro (€58,600) bl-imghax ta` tmienja fil-mija (8%) fis-sena b`effett mis-16 ta` Marzu 2009 sad-data tal-effettiv pagament. Ghalhekk tikkundanna lill-konvenuti Herman u John ahwa Mizzi sabiex ihallsu lill-atturi dan l-ammont kapitali bl-imghax hekk kif specifikati.

Bl-applikazzjoni tal-Art 223(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta, tordna li kull parti tbati l-ispejjez taghha."

6. L-atturi preżentaw ir-rikors tal-appell tagħhom fid-9 ta' Ġunju, 2020, permezz ta' liema talbu lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tordna li l-ispejjeż ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji kollha jiġu mħallsa mill-konvenuti Herman u John Galea, bl-ispejjeż tal-appell kontra l-istess Herman u John Galea.

7. John Mizzi preżenta r-risposta tal-appell tiegħu fit-30 ta' Ġunju, 2020, permezz ta' liema talab lil din il-Qorti sabiex tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż kontra l-atturi.

8. Herman Mizzi preżenta r-risposta tal-appell tiegħu fit-30 ta' Ġunju, 2020, permezz ta' liema talab lil din il-Qorti sabiex tikkonferma s-sentenza appellata.

**Ikkonsidrat;**

9. Għalkemm l-atturi ressqu seba' aggravji fir-rikors tal-appell tagħhom dawn effettivament kollha jitrattaw punt wieħed, u ċioe` l-kap tal-ispejjeż. Għalhekk il-Qorti ser titrattahom flimkien.

10. L-appellanti jilmentaw li ma jistgħux jifhmu kif l-Ewwel Qorti kkonkludiet li huma kellhom jiġu kkundannati jħallsu l-ispejjeż li għamlu meta dawn l-ispejjeż ma sarux b'kapriċċ iżda minħabba strateġija tal-konvenuti li tawlu l-proċeduri kemm felħu. Jargumentaw li ma kien hemm l-ebda kunflitt ta' provi kif ikkonsidrat l-Ewwel Qorti għaliex huma produċew dokumenti b'saħħithom minn fejn kien jirriżulta l-kreditu dovut lilhom u l-imgħax dekorribbli fuqu u għalhekk ma hemm l-ebda raġuni għalfejn l-Ewwel Qorti kellha tiddeċiedi li huma jbatu xi spejjeż. Jgħidu li l-konvenuti kellhom il-lussu li jiġu assistiti minn żewġ avukati tal-għajnuna legali filwaqt li huma nkorrew eluf ta' ewro bħala spejjeż biex jintavolaw din il-kawża. Jgħidu li huma nkorrew ħafna spejjeż għaliex irrikorrew għal proċedura sommarja peress li kellhom favur tagħhom dejn likwidu, ċert u dovut, u l-konvenuti ġabu dan kollu fix-xejn mingħajr raġuni valida għaliex

qatt ma ressqu provi in sostenn tal-eċċezzjonijiet tagħhom. Jgħidu li huma wkoll ma kellhomx ibatu xi spejjeż għaliex Daniela Mizzi għażlet li tinkorri spejjeż billi tippreżenta affidavit minkejja li kienet kontumaċi f'dawn il-proċeduri. Jgħidu li ma kien hemm l-ebda raġuni għalfejn l-Ewwel Qorti tiddubita mill-verżjoni tagħhom u fil-fatt l-Ewwel Qorti stess ikkonkludiet li ma saret l-ebda prova determinanti u konklussiva mill-konvenuti aħwa Mizzi in sostenn tal-eċċezzjonijiet tagħhom. Jgħidu li għalhekk mela l-Ewwel Qorti ma kellhiex tikkundannahom iħallsu l-ispejjeż tagħhom għaliex kien biss tort tal-konvenuti li kellhom jinkorru dawn l-ispejjeż sabiex jitħallsu lura flushom, li mbagħad lanqas biss ressqu provi sodisfaċenti tul is-snin li damet il-kawża. Jgħidu li huwa dritt tagħhom li jiġu kkumpensati b'sentenza ta' dawn il-Qrati mhux biss billi l-konvenuti jiġu dikjarati debituri tagħhom iżda wkoll billi jiġu kkundannati jħallsu l-ispejjeż ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji li l-atturi kellhom jinkorru nġustament. Jilmentaw li Daniela Mizzi kellha tiġi nkluża f'dawn il-proċeduri għal kull interess li jista' jkollha peress li hija l-mara ta' Herman Mizzi u għalhekk mhuwiex ġust li huma jkunu responsabbli għall-ħlas tal-ispejjeż tagħha minflok Herman u John Mizzi.

11. John Mizzi jirribatti li l-Ewwel Qorti għexet il-kawża u rat l-atteġġament tal-attur li fix-xhieda tiegħu ma setax jagħti spjegazzjoni dwar minn fejn ġab dawn il-flus kollha u kif fl-istess ġurnata kellu riċevuta ferm ogħla mill-ammont li kien indikat fuq iċ-ċekk. Jgħid li l-attur ħa

vantaġġ tas-sitwazzjoni tal-konvenuti u baqa’ jislifhom il-flus minkejja li kien jaf li ma setgħux iħallsuh lura, u fil-fatt wara li prova jpinġi lilu nnifsu bħala figura ta’ ġenitur għall-konvenuti l-Ewwel Qorti rrimarkat li l-ebda ġenitur responsabbli ma kien jaġixxi bil-mod li għamel l-attur. Fir-rigward tal-pretiża għall-ħlas ta’ spejjeż extra-ġudizzjarji jargumenta li dawn huma esaġerati u l-attur ma preżenta l-ebda riċevuta fiskali għall-ammonti li qed jippretendi.

12. Herman Mizzi jargumenta li mhuwiex minnu li l-kawża damet għaddejja tlett snin u kważi erba’ xhur minħabba l-konvenuti għaliex biss biss kien hemm erba’ seduti li ġew differiti minħabba l-assenza tal-avukat tal-atturi u li ġew prodotti provi f’kull seduta. Jgħid li mhux minnu li l-atturi taw stampa daqshekk kredibbli u konsistenti tal-fatti, ikkonsidrat li Joseph Galea ma kienx f’pożizzjoni li jispjega minn fejn ġab il-flus kollha li silef lill-konvenuti. Iżid li l-attur ħa vantaġġ mill-pożizzjoni vulnerabbli tal-konvenuti, u li l-attur ma ressaqx prova sodisfaċenti tal-ispejjeż extra-ġudizzjarji pretiżi minnu.

13. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet fuq il-kwistjoni tal-ispejjeż:

> “L-atturi qeghdin jitolbu wkoll hlas ta` spejjez fl-ammont ta` €11,792.
>
> Ghalhekk il-pretensjoni attrici tlahhaq il-figura ta` €288,851.
>
> In kwantu jirrigwarda l-ispejjez, l-atturi qeghdin jinkludu fis-sorte ta` din il-kawza, kemm spejjez gudizzjarji kif ukoll spejjez extra-gudizzjarji.

> Fejn si tratta ta` spejjez gudizzjarji, m`ghandha tinsorgi ebda kwistjoni billi tirrizulta taxxa ufficjali.
>
> Fejn si tratta ta` spejjez extra gudizzjarji, l-atturi jaccettaw illi ghal raguni jew ohra l-ammonti reklamati mhux kollha koperti b`ricevuti.
>
> Dak li ma kienx konfermat b`ricevuta korrispondenti ghal ispiza mhux se jkun akkordat."

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

14. Fir-rikors tal-appell tagħhom l-atturi kienu ċari fis-sens li l-unika parti tas-sentenza tal-Ewwel Qorti li kienu qed jappellaw minnha kien il-kap tal-ispejjeż. Fil-fatt fit-talbiet tagħhom l-atturi talbu espressament lil din il-Qorti sabiex tikkonferma l-ammont li l-konvenuti ġew ikkundannati jħallsuhom, u tirriforma biss dik il-parti tas-sentenza appellata permezz ta' liema l-Ewwel Qorti ordnat li kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha. Il-Qorti tqis għalhekk li għal dak li jirrigwarda l-ispejjeż extra-ġudizzjarji pretiżi mill-appellanti, is-sentenza tal-Ewwel Qorti hija *res judicata* u għalhekk ma tistax tinbidel. Dan għaliex l-ispejjeż extra-ġudizzjarji pretiżi mill-appellanti ma jifformawx parti mill-kap tal-ispejjeż, li jinkludi biss l-ispejjeż ġudizzjarji, u ċioe` dawk l-ispejjeż li jirriżultaw mit-taxxa maħruġa mir-Reġistru tal-Qorti li jiġu ntaxxati skont il-liġi. L-ispejjeż extra-ġudizzjarji jifformaw parti mis-*sorte*, u dwar dan ma sar l-ebda appell mill-atturi. Għalhekk l-argumenti tal-appellanti li jirrigwardaw l-ispejjeż extra-ġudizzjarji qed jiġu respinti.

15. Fir-rigward tal-ispejjeż ġudizzjarji, il-Qorti tirrileva li l-kundanna għall-ħlas tal-ispejjeż hija regolata mill-liġi u ċioe` l-Artikolu 223 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi hekk:

> "(1) Kull sentenza definittiva għandha tikkundanna lit-tellief għall-ispejjeż.
>
> (2) Fil-każijiet kollha, il-qorti tista' tordna li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha, meta kull waħda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawża, jew meta jindaħlu kwistjonijiet diffiċli tal-liġi, inkella għal xi raġuni tajba oħra."

16. Mit-tieni sub-inċiż tal-artikolu appena ċitat jidher ċar li l-leġislatur ried li l-Qorti jkollha diskrezzjoni wiesgħa sabiex tordna li kull parti tbati l-ispejjeż tagħha, u dan billi l-Qorti ngħatat id-diskrezzjoni li tagħmel ordni bħal dan jekk jirriżultalha raġuni tajba biex tagħmel hekk. Peress li dan huwa eżerċizzju diskrezzjonali tal-Ewwel Qorti, din il-Qorti tqis li d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti m'għandhiex tiġi faċilment disturbata minn din il-Qorti, u għalhekk id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha f'dawn il-proċeduri għandha tiġi mibdula biss fil-każ li jirriżulta li l-Ewwel Qorti eżerċitat din id-diskrezzjoni b'mod żbaljat.

17. Minn dan isegwi li l-argument tal-appellanti li l-Ewwel Qorti kellha tikkundanna l-konvenuti jħallsu l-ispejjeż tal-atturi għaliex it-talbiet attriċi ġew milqugħa u għaliex il-konvenuti ma rnexxielhomx jippruvaw suffiċjentement l-eċċezzjonijiet tagħhom mhuwiex biżżejjed sabiex din il-Qorti tibdel id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-kap tal-ispejjeż. Huwa ċar li l-leġislatur ma riedx li d-deċiżjoni dwar il-ħlas tal-ispejjeż issir b'mod

daqstant awtomatiku, mingħajr ma l-Qorti tieħu in konsiderazzjoni fatturi oħra relevanti għad-determinazzjoni tal-kundanna għall-ħlas tal-ispejjeż.

18. Fir-rigward imbagħad tal-argument tal-appellanti li Daniela Mizzi għażlet li tinkorri spejjeż minkejja li kienet kontumaċi billi tippreżenta affidavit, il-Qorti tosserva li fil-verita` l-affidavit ta' Daniela Mizzi kien ġie preżentat mill-konvenut Herman Mizzi (ara n-nota a *fol.* 172). Għalhekk jidher li Daniela Mizzi kienet xhud ta' Herman Mizzi, u ma kinitx qed tippreżenta l-affidavit fil-vesti tagħha bħala parti mill-kawża. Il-Qorti tosserva *inoltre* li s-self mertu ta' dawn il-proċeduri kien jirrisali għal żmien qabel iż-żwieġ ta' Daniela u Herman Mizzi f'Diċembru 2014, tant illi l-Ewwel Qorti kkonsidrat li dan id-dejn kien jirrisali għal żmien meta Daniela Mizzi kienet għadha lanqas biss taf lil Herman Mizzi. Għalhekk ma kien hemm l-ebda raġuni biex l-atturi jintimaw lil Daniela Mizzi f'din il-kawża, għaliex huwa indubitat li d-dejn dovut minn Herman Mizzi huwa parafernali u għalhekk Daniela Mizzi m'għandha l-ebda interess ġuridiku f'dawn il-proċeduri.

19. Il-Qorti tosserva inoltre li t-talbiet attriċi ma ġewx akkolti *in toto.* L-ewwel nett, għalkemm fir-rikors ġuramentat tagħhom l-atturi talbu kundanna għall-ħlas ta' €247,216 oltre l-imgħaxijiet dekorribbli sal-pagament effettiv, l-Ewwel Qorti kkundannat lill-konvenuti jħallsu s-somma ta' €153,600, oltre l-imgħaxijiet dekorribbli sal-pagament effettiv.

Inoltre, l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talba tal-atturi sabiex il-konvenuti jiġu kkundannati jħallsu l-ispejjeż extra-ġudizzjarji allegatament inkorsi minnhom, wara li kkonsidrat li l-atturi ma kinux preżentaw provi sodisfaċenti in sostenn ta' din il-pretiża tagħhom. Dan jikkontradiċi l-argument tal-appellanti li l-konvenuti effettivament ikkostrinġewhom isofru spejjeż inġustament meta għażlu li jiddefendu ruħhom kontra l-pretiżi attriċi.

20. Inoltre, l-Qorti tosserva li l-Ewwel Qorti kellha riservi dwar l-atteġġjament tal-attur li kompla jislef flus lill-konvenuti minkejja li kien jaf, jew messu kien jaf, li ma kinux ser ikunu kapaċi jħallsuh lura u li Herman Mizzi kien qed jegħreq. Għalkemm l-appellanti jitfgħu it-tort ta' dawn il-proċeduri kompletament fuq il-konvenuti, huwa ċar li l-kreditu dovut lill-attur kien ikun ferm iżgħar, u għalhekk l-ispejjeż ġudizzjarji kienu jkunu ferm anqas, li kieku Joseph Galea aġixxa ta' *bonus pater familias* u ma kompliex jislef eluf ta' ewro lil persuni li kien jaf, jew messu kien jaf, li ma kinux ser ikunu f'pożizzjoni li jħallsuh lura.

21. Għalhekk, in vista ta' dan kollu, il-Qorti tqis li ma tirriżultax raġuni valida sabiex din il-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-ispartizzjoni tal-ispejjeż, u għaldaqstant l-appell tal-atturi qed jiġi miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-atturi u tikkonferma s-sentenza appellata *in toto,* bl-ispejjeż tal-appell a karigu tal-atturi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da